## Il-Ħadd, 17 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi. U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem, l-Ispirtu tal-verità ... Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom. Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix, u intom ukoll għad tgħixu. F'dak il-jum intom tagħrfu li jiena f'Missieri, u intom fija u jiena fikom. Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 14, versi 15-17a. 18-21***



"Kliem Ġesù jfakkarna li l-imħabba għal xi persuna - u għall-Mulej ukoll - ma tintweriex bil-kliem imma bil-fatti; u wkoll li l-ħarsien tal-kmandamenti rridu nifhmuh fis-sens eżistenzjali, b'mod li jitwaħħad ma' ħajjitna kollha. Li tkun nisrani ma jfissirx li, aktar minn kollox, tagħmel parti minn ċerta kultura jew li tkun marbut ma' ċerta duttrina, imma pjuttost li norbtu ħajjitna, f'kull aspett tagħha, mal-persuna ta' Ġesù u, permezz tiegħu, mal-Missier. Għal dan il-għan Ġesù jwiegħed lid-dixxipli li se jirfidhom l-Ispirtu s-Santu."

PAPA FRANĠISKU, *Regina Coeli,* 15 Mejju 2016

# Mhux bil-kliem biss

*L-imħabba tiegħi lejn Kristu hija mħabba devozzjonali biss?*

*Ħajjet Kristu qed nagħmilha għalija skola ta' mħabba?*

Mulej,
li ngħid bil-fomm li jiena nħobbok
mhijiex xi ħaġa li titlob minni xi sforz speċjali;
imma li din l-istess stqarrija min-naħa tiegħi
tkun il-frott ta' dak li jkun qed jiġri f'ħajti,
din hija storja oħra!
Għax li nħobb lilek tassew ifisser
li dak kollu li Inti
nħallih iġenninni;
li dak kollu li Inti tagħmel
inħallih iġenninni;
li dak kollu li Inti tgħid
inħallih iġenninni.
Kemm jonqosni, Mulej, biex nasal s'hawn!
Imma konvint li inti se tgħini,
u minni tagħmel għotja sabiħa bħal dik tiegħek.

## It-Tnejn, 18 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Meta jiġi d-Difensur, li se
nibagħtilkom mingħand il-Missier,
l-Ispirtu tal-verità,
li ġej mill-Missier,
huwa jixhed għalija.
U intom ukoll tixhdu, għax
intom kontu miegħi sa mill-bidu.
Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom
biex ma titfixklux.
Ikeċċukom 'il barra mis-sinagogi,
mhux biss, imma tasal is-siegħa
meta min joqtolkom jaħseb
li jkun qiegħed jagħti qima lil Alla.
Dan jagħmluh
għax la għarfu lill-Missier
u lanqas lili."

*Mill-Evanġelju skont San Ġwann,*
*kapitlu 15, versi 26-27; kapitlu 16, versi 1-3*



"Ix-xhieda nisranija ġġorr magħha
l-persekuzzjonijiet; ibda minn
dawk żgħar tat-tqassis, tal-kritika,
sal-kbar li bihom twassal lill-insara
biex jagħtu ħajjithom. Ġesù jgħid
x'inhu l-prezz ta' din ix-xhieda:
jitkeċċew 'il barra mis-sinagogi, u
jkun hemm min jaħseb li meta
joqtolhom ikun qed jagħti qima
lil Alla. Bil-qawwa tal-Ispirtu,
in-nisrani - bil-mod kif iġib ruħu
fil-ħajja ta' kuljum - jagħti xhieda li
l-Mulej hu ħaj, qam, jinsab fostna ...
Din hi x-xhieda kontinwa tan-nisrani,
xhieda li ħafna drabi tipprovoka
attakki, persekuzzjonijiet."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,* 2 Mejju 2016

# Biex tixhed għall-Verità

*Issirli kritika*
*b'xi mod*
*għax*
*jien nemmen*
*fi Kristu?*

*Minn fejn*
*inġib il-forza*
*biex nibqa'*
*għaddej?*

Kemm għandi bżonn l-Ispirtu tiegħek, Mulej!
Kemm għandi bżonnu
biex ma nitfixkilx!
Kemm għandi bżonnu
biex b'ħajti
nkun nista' nagħti xhieda sabiħa tiegħek!
Kemm għandi bżonnu
biex ma jkun hemm xejn li minħabba fiha
nitħajjar nirtira mix-xhieda li Inti ssejjaħli għaliha!
Kemm għandi bżonnu
biex il-persekuzzjoni ta' kull għamla
- żgħira jew kbira -
tkun hi anzi
li tissiġġilla l-verità tal-mixja tiegħi warajk!
Ibqa' ibgħatli, Mulej, mingħand il-Missier
l-Ispirtu tal-verità!

## It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Issa sejjer
għand dak li bagħatni,
u ħadd minnkom
ma jistaqsini:
'Fejn sejjer?'
Imma għax għedtilkom dan,
qalbkom imtliet bin-niket.
Madankollu,
ngħidilkom is-sewwa,
jaqblilkom li jiena mmur;
għaliex,
jekk ma mmurx,
id-Difensur
ma jiġix għandkom;
imma jekk immur,
nibgħathulkom."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 16, versi 5-7***



"Ġesù jwiegħed lid-dixxipli tiegħu li se jirfidhom l-Ispirtu s-Santu. Grazzi għall-Ispirtu s-Santu - imħabba li tgħaqqad lill-Missier u lill-Iben, u mnissel minnhom - kulħadd jista' jgħix l-istess ħajja ta' Ġesù. L-Ispirtu jgħallimna kollox, jew aħjar jgħallimna l-unika ħaġa indispensabbli: li nħobbu kif iħobb Alla. Meta jwiegħed l-Ispirtu s-Santu, isejjaħlu 'Paraklitu', li jfisser: Dak li jfarraġ, jinterċedi, jassisti, jiddefendi; Dak li jinsab ħdejna fil-mixja tal-ħajja u fit-taqbida għat-tajjeb kontra l-ħażen."

PAPA FRANĠISKU, *Regina Coeli*, 15 Mejju 2016

*Lil Alla*
*nħalliH*
*jiddefendini?*

*U jekk inħalliH,*
*minn xiex?*

# Mirfudin

Ir-razza tal-insara, Mulej,
hija r-razza tal-mirfudin:
razza ta' dawk
li l-ħin kollu huma msaħħin mill-Ispirtu s-Santu.
Meta xi ħadd minnhom
iħoss li ma jafx fejn se jaqbad jagħti rasu
quddiem it-toqol tal-ħajja,
hemm Hu biex ifarrġu.
Meta xi ħadd minnhom
iħoss li d-dgħufija tiegħu
jaraha xxekklu wisq fil-mixja tiegħu warajk,
hemm Hu biex iwiegħżnu.
Meta xi ħadd minnhom
iħoss li tbiegħed mill-ħolm ta' Alla għalih,
hemm Hu biex iħeġġu mill-ġdid.
Grazzi, Mulej.

## L-Erbgħa, 20 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Baqagħli ħafna ħwejjeġ
x'ngħidilkom,
imma għalissa ma tiflħux għalihom.
Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità,
iwassalkom għall-verità kollha;
għaliex hu ma jgħid xejn minn
tiegħu, imma jgħid dak li jisma',
u jħabbrilkom il-ġejjieni.
Hu jagħtini glorja,
għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi
u jħabbru lilkom.
Dak kollu li għandu l-Missier
huwa tiegħi.
Għalhekk għedt
li jieħu minn dak li hu tiegħi
u jħabbru lilkom."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann, kapitlu 16, versi 12-15***



"Ġesù jfissrilhom lid-dixxipli li l-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu se tkun dik li jwassalhom dejjem iżjed biex jifhmu dak li Hu - il-Messija - qal u għamel, l-iktar dwar il-mewt u l-qawmien tiegħu ... Se jagħtihom muftieħ ġdid ta' kif jaqraw il-verità u l-ġmiel tal-istorja tas-salvazzjoni ... Huma jkunu jistgħu jifhmu li l-mewt ta' Ġesù mhijiex it-telfa tiegħu, imma l-espressjoni l-aktar għolja tal-Imħabba ta' Alla; Imħabba li fil-Qawmien tirbaħ fuq il-mewt, u lil Ġesù tgħolliH bħala l-Ħaj, il-Mulej, il-Feddej tal-bniedem, is-Sid tal-istorja u tad-dinja."

PAPA FRANĠISKU, *Omelija,* 24 Mejju 2015

# Muftieħ ġdid

*Jien wieħed*
*minn dawk*
*li Kristu*
*ma jistax jgħidli*
*xi affarijiet*
*għax għadni*
*ma niflaħx*
*għalihom?*

*X'passi*
*nista' nieħu*
*biex insir niflaħ*
*għalihom?*

Mulej, diffiċli ħafna għalina
li narawk bħala Sid tal-istorja u tad-dinja
meta niltaqgħu mar-rifjut tiegħek
minna u mill-bniedem tal-lum.
Diffiċli ħafna għalina
li narawk bħala l-Ħaj
meta niltaqgħu mal-qtil tiegħek
u ta' kulma għandu x'jaqsam miegħek
minna u mill-bniedem tal-lum.
Imma hemm l-Ispirtu tiegħek,
il-muftieħ ġdid li Inti tagħtina
biex inkunu nifilħu nidħlu
fil-pjan tal-Missier għall-umanità,
pjan mimli mħabba
li mir-rifjut titnissel l-aċċettazzjoni,
li mill-qtil tinħareġ il-ħajja.

## Il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Ftit ieħor u ma tarawnix aktar;
imbagħad ftit ieħor
u terġgħu tarawni."
Għalhekk
xi wħud mid-dixxipli tiegħu
bdew jgħidu bejniethom:
"X'ifisser dan li qiegħed jgħid:
'Ftit ieħor
u ma tarawnix aktar;
imbagħad ftit ieħor
u terġgħu tarawni', u li:
'Jiena sejjer għand il-Missier'?"
Għalhekk qalu:
"X'inhu dan il-'ftit ieħor'
li hu qiegħed jgħid?
Ma nafux xi jrid jgħid."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 16, versi 16-18***

86

"L-Appostlu Pawlu, meta jindirizza lill-komunità ta' Korintu, ifisser tajjeb x'inhuma l-effetti tad-don tal-fehma: 'Dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh. Alla rrivelahulna permezz tal-Ispirtu.' Dan ma jfissirx li n-nisrani jista' jifhem kull ħaġa u jkollu għarfien sħiħ tal-pjanijiet ta' Alla ... Imma dan id-don jgħinna nifhmu l-ħwejjeġ kif jifhimhom Alla, bl-intelliġenza ta' Alla."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 30 April 2014

*Kemm*
*inħossni qrib*
*tal-mentalità*
*ta' Alla?*

*Kemm jien*
*miftuħ*
*għad-don*
*tal-fehma*
*li jrid jagħtini?*

# Distanza mqassra

Hemm wisq distanza, Mulej,
bejn il-mod ta' kif jaħseb moħħna
u l-mod ta' kif jaħseb moħħok,
li, wara kollox,
mhux ħlief moħħ Alla l-Missier;
hemm wisq distanza
bejn il-mod ta' kif nagħmlu l-affarijiet aħna
u l-mod ta' kif tagħmel l-affarijiet Inti
li, wara kollox,
mhux ħlief il-mod ta' kif jagħmel l-affarijiet
Alla l-Missier.
U għalhekk, Mulej, nitolbuk
biex tagħnina dejjem bid-don tal-fehma,
don li jiftaħ il-ħajja tagħna
għas-sorpriżi li hemm lesti għalina
min-naħa ta' Alla Missierek.

## Il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Tassew tassew ngħidilkom,
intom għad tibku u tingħu,
iżda d-dinja għad tifraħ;
għad iġġarrbu n-niket, imma
n-niket tagħkom għad jitbiddel
f'hena. Il-mara, meta tkun se tiled
tħossha mdejqa, għax tkun
waslet is-siegħa tagħha; iżda
meta tkun twieldet it-tarbija,
ma tiftakarx iżjed fl-uġigħ,
bil-ferħ li twieled bniedem
fid-dinja. Hekk intom,
issa tħossukom imdejqa;
imma għad nerġa'narakom
u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom
ħadd ma jeħodhulkom."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 16, versi 20-22***



"It-tbatija, tbatija tibqa'; imma
meta wieħed jgħixha bil-ferħ
u bit-tama, din tiftaħlek il-bieb
għall-ferħ li jiġi minn frott ġdid.
Ix-xbieha tal-omm li twelled
li jagħtina l-Mulej għandha tkun
ta' għajnuna mhux żgħira
fil-mumenti diffiċli, koroh u kattivi,
li jimbuttawna niddubitaw ukoll
mill-fidi. Imma permezz tal-ferħ
u tat-tama nimxu 'l quddiem,
għaliex wara t-tempesta tasal
xi ħaġa ġdida, bħal meta l-mara
twelled. U dan il-ferħ u din it-tama
jibqgħu, kif il-Mulej jgħidilna."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 6 Mejju 2016

*Fejn tidħol*
*it-tbatija,*
*vista qasira*
*għandi jien?*

*Kliem Kristu*
*kemm hu*
*ta' faraġ*
*għalija?*

# Vista twila

It-tbatija fiha nfisha
lanqas Inti ma tridha, Mulej.
Imma hemm drabi
- u dawn mhumiex ftit -
li fihom din issir mezz indispensabbli
għal ġid li wieħed ma jistax jakkwistah
ħlief biha;
għal tifsira tal-ħajja
li wieħed ma jistax jagħmilha tiegħu
ħlief biha;
għal frott ġdid li wieħed ma jistax ikollu
ħlief biha.
Għalhekk, tħallini qatt, Mulej,
nikkuntenta b'vista qasira quddiem it-tbatija;
tħallini qatt ninsa kliemek li jiżgurani
li n-niket għad jitbiddel f'hena.

## Is-Sibt, 23 ta' Mejju 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Tassew tassew ngħidilkom,
kulma titolbu lil Missieri f'ismi
jagħtihulkom. Sa issa ma tlabtu
xejn f'ismi. Itolbu u taqilgħu,
biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.
Dan għedthulkom bit-tixbihat.
Għad tasal siegħa
meta ma nkellimkomx aktar
bit-tixbihat, imma bil-miftuħ
inħabbrilkom dwar il-Missier.
Dakinhar intom titolbu f'ismi,
u ma ngħidilkomx
li jien nitlob lill-Missier għalikom,
għax il-Missier stess iħobbkom, billi
intom ħabbejtu lili u emmintu
li jiena ġejt mingħand Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 16, versi 23b-27***



"It-talb nisrani
jitnissel mill-kuraġġ
li nsejħu lil Alla
bl-isem ta' Missier.
Dan hu l-għerq
tat-talba nisranija:
li lil Alla nsejħulu Missier.
Imma trid il-kuraġġ!
Din mhijiex daqstant formula,
daqskemm intimità
min-naħa ta' xi ħadd
li jħossu iben,
li fiha niġu mdaħħla bi grazzja:
Ġesù jurina l-Missier
u jdaħħalna f'familjarità miegħu."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali*, 22 Mejju 2019

*Kif infissirha*
*r-rabta*
*li bħalissa*
*għandi*
*ma' Alla?*

*Li jien ibnu,*
*dan kliem biss*
*għalija?*

# Li tħossok iben

Mulej, Inti tistedinni
biex fuq l-eżempju tiegħek
u bis-saħħa tiegħek
u tal-Ispirtu li tagħtini,
jien inkun ta' ġewwa ma' Alla Missierek;
jien inkun dak li nintilef
fl-għożża li Hu għandu għalija;
jien inkun ibnu
meta bil-fidi nagħmilha miegħu fit-talb;
jien inkun ibnu
meta ħajti - minkejja kollox -
ngħixha b'fiduċja fiH.
Immaturani, Mulej,
f'din il-familjarità mal-Missier.
Żommni dejjem
fl-intimità miegħu.